**QORTI TAL-MAGISTRATI ( MALTA )**

BHALA QORTI TA` GUDIKATURA KRIMINALI

MAGISTRAT:
DR JOSEPH CASSAR BA., LL.D.

**Il-Pulizija**
(Spettur Stephen Gatt))
**vs**
**Patrick Cesare**

Illum 18 ta` Ottubru 2001.

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-imputat Patrick Cesare ta` 17 il-sena, bin Lawrence u anna Clare Fava, imwieled Pieta` fit-23 ta` April 1982, u joqghod 'Helious Flats', Flat 1, Triq il-Karrozzin, Msida ID 252682 (M);

Talli fit-2 ta` Ottubru 1998 ghall-habta tal-4.00 pm., gewwa l-Imsida, minghajr hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta` Brian Tabone f`periklu car, ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha ta` Brian Tabone, liema hsara hija offiza gravi li kkagunat debulizza permanenti fis-sahha jew fil-funzjoni ta` xi parti tal-gisem jew gabet difett permanenti f`parti tal-ghamla tal-gisem, jew gabet

sfregju gravi upermanenti fil-wicc, fil-ghonq jew f`wahda mill-idejn ta` Brian Tabone.

Talli fl-istes lok, jum, hin u cirkostanzi ikkaguna offizi ta` natura hafifa fuq il-persuna ta` Brian Tabone.

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Rat in-nota tal-Avukat Generali a fol. 65 tal-process.

Rat li l-akkuzat ma oggezzjonax li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Rat li fis-seduta tal-lum l-akkuzat ammetta l-akkuza migjuba kontrih.

Issibu hati.

U wara li rat l-artikoli 214, 215, 216,217, 218, 20, 22, 23 tal-Kodici Kriminali, kif ukoll l-Artikolu 9 tal-Kapitolu 152 tal-Ligijiet ta` Malta.

Filwaqt li ssibu hati, tilliberah taht il-provvediment ta` l-Artikolu 9 tal-Kapitolu 152 ta` Ligijiet ta` Malta, **b`dan li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett (3) snin mil-lum.** Il-Qorti mxiet hekk billi

jirrizultalha li miz-zmien tal-kommissjoni tar-reat, l-akkuzat qabad triq ohra u dalwaqt jidhol ghall-istat taz-zwieg.

Il-Qorti qed twissi lill-akkuzat skond il-ligi u tghamilha cara li din hi l-ahhar darba li qed tillibera lill-akkuzat kondizzjonatament.

Vera kopja

(ft) Dr Joseph Cassar

MAGISTRAT

L Spiteri Bailey

Dep Reg.